MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 90/2007/1

**Konjugi John Vassallo (390646M) u Mary Fatima (285150M)
vs
Benedict D'Amato**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:
Illi huma jikru l-fond numru 113, Triq Alessandro, Birzebbugia, bil-kera ta' Lm80 fis-sena, pagabbli bil-quddiem kull sitt xhur, kull 30 ta' Gunju u kull 31 ta' Dicembru;

Illi r-rikorrenti ghandhom bzonn dan il-fond ghal uzu personali taghhom biex ikunu jistghu jistorjaw ghamara u oggetti ohra illi huma ghandhom u kif ukoll biex jiggaraxxjaw il-karozza taghhom stante illi huma m'ghandhomx post fejn idahhlu l-istess karozza, fir-residenza estiva taghhom Fredville, 2, Hamilkar Barka Square, Birzebbugia;

Illi dan il-garaxx gie mikri lill-intimat biex huwa jkun jista' jdahhal il-karozza tieghu fl-istess fond, pero' gja la darba r-rikorrenti ghandhom bzonn dan il-fond ghal uzu taghhom hu obbligat skond il-Ligi biex jirritorna l-istess fond lill-mittenti;

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi bil-fomm biex jirrilaxxa l-istess garaxx pero' baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant, l-esponenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripresa tal-garaxx 113, Triq Alessandro, Birzebbugia, fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn dan il-Bord, taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li joghgbu xieraq u opportun.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-intimat li tghid:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez state illi;

John u Mary Fatima konjugi Vassallo mhux minnu li ghandhom bzonn il-garage ghall-skopijiet personali taghhom stante illi;

a) Ma hux minnu li jinhtiegu l-garage ghall-iskop imsemmi u di piu' huma propjetarji ta' diversi garages ohra nkluzi tnejn li huma vojta u li jinsabu fi Triq Alessandru B'Bugia;

b) Illi l-esponenti jehtieg l-uzu tal-garage stante illi huwa ma ghandu l-ebda garage iehor u li ghalhekk, ghad li dan il-garage jinsab ftit il-boghod mid-dar residenza tieghu, dan ghandu jigi meqjus ai fini u effetti kollha tal-ligi, bhala estensjoni tad-dar residenza tieghu.

c) Illi ma saret l-ebda talba formali sabiex jittiehed il-fond skond il-ligi.

Tant jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha l-provi;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-mertu ta' dan il-kawza huwa ezawrit stante illi permezz ta' dikjarazzjoni fi-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2010, r-rikorrent iddikjara illi kien ircieva minghand l-intimat ic-cwievet tal-fond. Ir-rikorrent zamm ferm fit-talba tieghu ghall-ispejjez tal-kawza;

Illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2008, r-rikorrenti xehed illi meta kien talab il-garage lill-intimat dan irrifjuta u qabad u iddepozita il-kera l-Qorti minghajr ma offrielu l-kera u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. L-intimat, kellu kull opportunita' li jinnewtralizza din ix-xhieda b'domandi opportuni jew xhieda kontrarja izda naqas milli jaghmel dan;

Illi ghalhekk filwaqt illi l-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu stante transazzjoni bejn il-partijiet, jiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez billi jiddikjara li dawn ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------